



Brussell, 2 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

9935/23

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0347(COD)

ENV 621
ENER 325
IND 281
TRANS 223
ENT 118
SAN 345
AGRI 297
CODEC 1019

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	14217/23 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa (riformulazzjoni) - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Bil-ksieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill (Ambjent) tal-20 ta' Ġunju 2023, id-delegazzjonijiet isibu meħmuż nota ta' spjegazzjoni u mistoqsijiet imħejjija mill-Presidenza biex jgħinu fl-istrutturar tad-diskussjoni.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jieħu nota tan-nota ta' spjegazzjoni u l-mistoqsijiet, kif jinsabu fl-Anness, u jgħaddihom lill-Kunsill bil-ksieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni.

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa (riformulazzjoni)

- Dibattitu ta' orjentazzjoni -

L-arja nadifa hija essenzjali għas-saħħa tal-bniedem u għas-sostenn tal-ambjent. Matul l-aħħar deċennji nkiseb titjib kbir fil-kwalità tal-arja fl-UE iżda madwar 300 000 mewta prematura fis-sena u bosta mard għadhom attribwiti għat-tniġġis tal-arja, li għadu l-kawża ambjentali ewlenija ta' mwiet bikrija fl-UE.

Id-direttivi attwali dwar il-kwalità tal-arja ambjentali¹ huma parti minn qafas ta' politika dwar l-arja nadifa li jinkludi wkoll leġislazzjoni oħra li tistabbilixxi standards għall-emissjonijiet minn sorsi ewlenin u li tirregola t-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali. It-tniġġis tal-arja huwa affettwat ukoll minn politiki oħra li jinfluwenzaw it-trasport, l-industrija, l-enerġija, l-agrikoltura u setturi oħra.

Kontroll tal-idoneità ppubblikat mill-Kummissjoni Ewropea fl-2019 ikkonkluda li d-direttivi dwar il-kwalità tal-arja kienu parzjalment effettivi fit-titjib tal-kwalità tal-arja u fl-issodisfar tal-istandards tal-kwalità tal-arja, iżda li sal-lum għadhom ma ntlaħqux l-oġettivi kollha tagħhom.

Wara l-impenn li ħadet il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew², li hija kkonfermat fil-Komunikazzjoni tagħha dwar Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija"³, ir-reviżjoni proposta tad-direttivi eżistenti dwar il-kwalità tal-arja tgħaqqad iż-żewġ direttivi f'waħda u tfittex li tallinja l-istandards tal-UE tal-kwalità tal-arja aktar mill-qrib mar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO, ittejjeb il-qafas leġislattiv u ssaħħaħ il-monitoraġġ, l-immudellar u l-pjanijiet tal-kwalità tal-arja.

¹ Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali u d-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa.

² 15051/19 + ADD 1.

³ 8753/21 + ADD 1-3.

Status tal-ħidma fil-Kunsill

Fis-26 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha għal Direttiva dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa (riformulazzjoni)⁴. Hija ppreżentat il-proposta tagħha u l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) fit-18 ta' Novembru 2022. Il-proposta ġiet sussegwentement ippreżentata lill-Kunsill (Ambjent) fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Diċembru 2022.

Minn Jannar, id-WPE eżamina l-proposta matul ħames laqgħat taħt il-Presidenza Żvediża. Id-WPE ddiskuta wkoll l-Artikoli 1 sa 11 f'aktar dettall u l-Presidenza ppreżentat l-ewwel test ta' kompromess li jkopri dawk l-artikoli.

Id-diskussjonijiet li saru s'issa fid-WPE kienu pożittivi u kostruttivi u ppermettew li bosta punti tal-proposta jiġu ċċarati. B'mod ġenerali, bosta delegazzjonijiet huma favur il-proposta, iżda xi wħud għandhom ukoll tħassib dwar l-ispejjeż relatati ma' standards u governanza aktar ambizzjużi tal-kwalità tal-arja, kif ukoll rigward aspetti oħra tal-proposta, inkluż ir-rabtiet tagħha ma' atti leġislattivi oħra li jinfluwenzaw il-kwalità tal-arja u d-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-ġustizzja, il-kumpens u l-pieni.

Suġġetti għad-diskussjoni

Biex ttiprovdi gwida għal aktar ħidma fil-livell tekniku, il-Presidenza tistieden lill-Kunsill (Ambjent) jelabora aktar dwar is-suġġetti li ġejjin fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2023.

⁴ 14217/22 + ADD 1-8.

Il-livell ġenerali ta' ambizzjoni biex jiġi indirizzat it-tniġġis tal-arja

L-istandards aġġornati u msaħħa tal-kwalità tal-arja jikkostitwixxu parti ewlenija tal-proposta. Abbażi tar-riċerka u għarfien ġdid dwar l-effetti tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa, id-WHO aġġornat il-linji gwida tagħha dwar il-kwalità tal-arja fl-2021. Wara li evalwat pakketti ta' politika differenti, il-Kummissjoni pproponiet sett ta' standards tal-kwalità tal-arja, inkluż valuri ta' limitu għal 11-il sustanza u valur fil-mira għall-ożonu, li għandhom jintlaħqu sal-2030. Il-valuri ta' limitu proposti huma stabbiliti f'livelli li jikkostitwixxu "allinjament aktar mill-qrib" mal-linji gwida tad-WHO. Id-data tal-2030 ġiet stabbilita sabiex tiżgura biżżejjed żmien ta' tħejjija u żmien għall-koordinazzjoni ma' politiki relatati bħall-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %". Ġie propost rieżami kull ħames snin biex jiġi vvalutat jekk l-istandards stabbiliti mid-direttiva proposta jkunux għadhom xierqa jew ikunx meħtieġ li din tiġi riveduta biex jiġi żgurat l-allinjament mal-linji gwida tad-WHO u t-tkomplija tal-progress lejn ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi fl-2050.

Minbarra l-valuri ta' limitu li fl-aħħar mill-aħħar ġew proposti, ġew ikkunsidrati żewġ opzjonijiet oħra mill-Kummissjoni: valuri ta' limitu inqas restrittivi li jwasslu għal "allinjament parzjali" jew valuri aktar stretti li jirriżultaw f'"allinjament sħiħ" mal-linji gwida tad-WHO. Il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni turi li t-tliet opzjonijiet kollha jkollhom benefiċċji sinifikanti għas-saħħa u l-ambjent li jegħlbu l-ispejjeż, għalkemm fi gradi differenti. Minkejja dan, id-diskussjonijiet fid-WPE jindikaw li xi delegazzjonijiet iqisu l-ispejjeż amministrattivi u oħrajn marbuta mal-kisba tal-valuri ta' limitu proposti bħala ta' piż żejjed minħabba restrizzjonijiet ekonomiċi.

Fatturi importanti biex jintlaħqu l-istandards proposti tal-kwalità tal-arja

Minbarra l-istabbiliment ta' standards ġodda tal-kwalità tal-arja, il-proposta tagħgħorna u tiżviluppa ulterjorment diversi partijiet oħra tal-qafas tal-politika dwar il-kwalità tal-arja, biex iżżid l-effettività tal-isforzi sabiex tittejjeb il-kwalità tal-arja ambjentali u jinkisbu l-istandards tal-kwalità tal-arja. Dan jinkludi pereżempju dispożizzjonijiet dwar: il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja; il-prevenzjoni ta' ksur tal-istandards tal-kwalità tal-arja jew li jinżammu qosra kemm jista' jkun; kif u fejn il-kwalità tal-arja tiġi vvalutata u mmonitorjata; il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward tat-tniġġis transkonfinali; l-użu tal-immudellar tal-kwalità tal-arja; u informazzjoni pubblika dwar il-kwalità tal-arja.

Id-WPE ddiskuta dawn id-dispożizzjonijiet fid-dettall filwaqt li ttratta wkoll aspetti bħall-ħtieġa ta' armonizzazzjoni bejn l-Istati Membri fl-interess tal-komparabbiltà, l-ispejjeż amministrattivi relatati ma' monitoraġġ u valutazzjoni aktar ambizzjużi, aspetti transfruntiera tat-tniġġis tal-arja, id-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar l-aċċess għall-ġustizzja u l-kumpens u dispożizzjonijiet imtejba dwar il-pieni.

Kif imsemmi hawn fuq, l-istatus tat-tniġġis tal-arja huwa affettwat ukoll minn politiki oħra li jinfluwenzaw attivitajiet u setturi ewlenin. Ta' interess partikolari huma għadd ta' proposti li bħalissa qed jiġu nnegożjati, inkluż pereżempju dwar l-istandards tal-emissjonijiet Euro 7 għall-vetturi tat-triq, l-istandards tas-CO₂ għall-vetturi heavy-duty u r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali. Id-delegazzjonijiet indikaw li huwa importanti li dawn l-atti leġiżlattivi u oħrajn li jaffettwaw il-kwalità tal-arja jiġu stabbiliti f'livelli ta' ambizzjoni li jkunu koerenti mal-istandards tal-kwalità tal-arja li ser jiġu stabbiliti permezz tar-reviżjoni attwali tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja.

Mistoqsijiet lill-ministri

Biex tiġi ggwidata l-ħidma ulterjuri fir-rigward ta' dan il-fajl, il-ministri huma mistiedna jiskambjaw fehmiet abbażi tal-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Tqisu li l-istandards proposti tal-kwalità tal-arja u d-dħul fis-seħħ tagħhom fl-2030 jikkostitwixxu livell xieraq ta' ambizzjoni biex jiġi indirizzat it-tniġġis tal-arja ambjentali?
2. X'taħsbu li huma l-aktar fatturi importanti biex jintlaħqu l-istandards tal-kwalità tal-arja u l-oġettiv fit-tul ta' tniġġis żero? Dawn huma indirizzati b'mod adegwat fid-Direttiva proposta?